# PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT

**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 17.1.10: IT-TIENI ĦADD TAŻ-ŻMIEN MATUL IS-SENA.**

**JUM DINJI TAL-MIGRANTI U REFUĠJATI**

Illum il-Knisja tfakkar lill-Migranti kollha fid-dinja u anke lir-Refuġjati. Dan tagħmlu bil-ħsieb li nħossu mal-problemi li jiltaqgħu magħhom l-migrant kollha u r-refuġjati u nitolbu għalihom fil-waqt li naħsbu kif nistgħu nkunu ta' għajnuna għalihom.

Irridu niftakru li ma dawn hemm involuti dawk li għadhom f'eta' żgħir : tfal u anke trabi.

**Il-Gabra llum hija ghall-Vittmi tat-Terremot ta' HAITI**

**IT-TNEJN, 18.1.10:** Illum tibda il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda tal-Knejjes.

Nagħmel appell biex matul dawn il-ġranet iktar mis-soltu nitolbu għall-għaqda tal-knejjes insara. Fil-knisja fil-quddies u fil-ghaxija qabel il-barka jsir talb uffiċċjali għal dan il-għan.

**IT-TLIETA, 19.1.10: Fis-6.30p.m.** Se ssir il-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla (Lectio Divina)

Din tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali. Kull min jixtieq jieħu sehem jista' jattendi.

**IL-ĠIMGĦA, 22.1.10: TIFKIRA TA' SAN PUBLJU PRINĊEP TA' MALTA.**

Illum huwa l-anniversarju tal-ordinazzjoni ta' l-Eċċellenza tiegħu Mons Mario Grech.

Illum bħala Knisja f'Għawdex, nagħmlu talb speċjali għall-Missier Spiritwali tagħna.

**Fis-6.00p.m**. huwa se jmexxi koncelebrazzjoni b'radd il-ħajr lil Alla, fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria

**IS-SIBT, 23.1.10: Fis6.45p.m.** ikompli l-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ għall-għarajjes. Il-laqgħa tkun fid-Dar Parrokkjali.

**Fis-6.30p.m.** se ssir l-Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati u dan ix-xahar se ssir fil-Parroċċa ta' San Lawrenz. Fis-6.00p.m. titlaq ix-xarabnak mill-Pjazza tal-knisja.

**Il-Ħadd, 24.1.10: IT-TIELET ĦADD TAŻ-ŻMIEN MATUL IS-SENA.**

**APPLIKAZZJONI GĦAD-DĦUL FIL-KINDER 1 FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA F'GĦAWDEX**
**SENA SKOLASTIKA 2010-2011**

Is-Segretarjat għall-Edukazzjoni u l-Kultura javża li se joħorġu l-applikazzjonijiet għad-Dħul fil-Kinder 1 fl-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex għas-sena skolastika 2010-2011. It-tfal li jiġu reġistrati jridu jkunu twieldu fis-sena 2007.

Mis-sena skolastika li ġejja (2010-2011), it-tfal li jidħlu fl-iskejjel Kindergarten tal-Knisja f'Għawdex ikunu jistgħu jkomplu l-iskola sekondarja fl-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex: fis-Seminarju Minuri fil-każ ta' tfal subien, u fil-Konservatorju tal-Isqof (Skola Sekondarja) fil-każ ta' tfal bniet.

**Il-formoli tal-applikazzjoni għandhom jinġabru mill-Kurja ta' Għawdex** it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa, **18, 20 u 22 ta' Jannar 2010**, bejn id-9.00 u l-11.00 ta' filgħodu. L-applikazzjonijiet jinġabru mill-uffiċċju tar-*Receptionist* kif tidħol il-Kurja.

**Il-formoli tal-applikazzjoni, mimlija kif suppost u bid-dokumenti meħtieġa magħhom, iridu jiġu ppreżentati fl-istess post** fil-Kurja l-ġimgħa ta' wara, jiġifieri t-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa **25, 27 u 29 ta' Jannar 2010**, bejn id-9.00 u l-11.00 ta' filgħodu.